MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1049/2003

**Gasan Enterprises Limited**

**vs**

**Michael u Bartolomea konjugi Verzin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Mejju, 2003 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u wiehed u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu centezmu (Lm321.68) dovuti skond erba' (4) kambjalijiet li gew iffirmati mill-konvenuti u li skadew fis-26 ta' Frar, 2003, fis-26 ta' Marzu, 2003, fis-26 t'April, 2003 u fis-26 ta' Mejju, 2003, izda baqghu ma thallsux u dana nonostante li gew diversi drabi nterpellati, u dana kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza jekk ikun il-kaz;**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 t’April, 2003 u 13 ta’ Mejju, 2003 kontra l-konvenuti u bl-imghax legali kontra l-istess konvenuti mid-data ta’ kull skadenza, u li huma ngunti ghas-subizzjoni**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma deherux u lanqas ma pprezentaw risposta.**

**Ra n-nota prezentata fit-18 ta’ Gunju, 2003, li biha s-socjeta` attrici rriduciet t-talba ghal tmenin lira Maltija (Lm80.00) billi sar pagament, filwaqt li zammet ferm il-kap ta’ l-ispejjez.**

**Semgha x-xhieda ta’ Dr. Louis Bianchi ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba kif ridotta u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta’ tmenin lira Maltija (Lm80.00) bl-imghax legali mis-27 ta’ Mejju, 2003.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 8 t’April, 2003 u 13 ta’ Mejju, 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------